MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1047/2014

**Simone Eve Collett Sammut ID 407902L; Paul George Sammut Passaport numru 034977365; Richard Jason Sammut Passaport numru 301403015; Diana Davis Passaport numru 02532844**

**vs**

**(a) Adam Sammut ID 0070303L u**

**(b) Ghal kull interess li jista' jkollha martu Maria Teresa sive Tessa Sammut Mugliett ID 0271075M u**
**(c) Alison Lammin**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Simone Sammut et datat 19 ta' Novembu 2014 a fol 1 tal-prcoess fejn bir-rispett u bil- gurament taghha Simone Eve Collett Sammut ID 407902L ikkonfermat: -

Illi l-esponenti huma l-propjetarji ta' zewg terzi indiviz tad-dar bl-isem *Rosemary Edith House,* Triq D Famucelli, Ibrag limiti Swieqi konfinati mit-tramuntana mal-istess triq, mil-Lvant ma' propjeta` ta' Alexander Pisani u Punent ma' propjeta` ta' Joseph Caruana, kif soggetta ghal cens annwu perpetwu ta' €104.82 qabel Lm45 waqt li l-intimati Adam Sammut u Alison Lammin jippossjedu ir-rimanenti terz bejniethom.

Illi dina d-dar kienet propjeta` ta' Rosemary Edith Sammut li mietet fis-26 ta' Novembru 2005 li bl-ahhar testment taghha ricevut minn Nutar Paul Pullicino fl-20 ta' Settembru 1996 (kopja Dok A) innominat lill-esponenti flimkien mal-intimati Adam Sammut u Alison Lammin bhala eredi taghha fi kwoti ugwali bejnithom ta' sest kull wiehed u wahda minnhom.

Illi l-esponenti debitament inkludew sehemhom minn dina l-propjeta` fid-dikjarazzjoni *causa mortis* ippubblikata min-Nutar Philip

Lanfranco fl-24 ta' Mejju 2006, kopja Dok B, u dana wara li ottjenew valutazzjoni, kopja Dok C.

Illi l-intimat Adam Sammut qieghed jokkupa d-dar flimkien ma' martu l-intimata Maria Teresa *sive* Tessa Sammut Mugliett b' mod esklussiv u minghajr ma jhalli lill-esponenti juzawha mieghu skont id-destinazzjoni taghha.

Illi l-esponenti ma jixtiequx jibqghu izjed fi stat ta' kommunjoni mal-intimati Adam Sammut u Alison Lammin u minkejja li gew interpellati jersqu ghal bejgh tal-propjeta`, tenut kont li dina hija l-unika propjeta` li ghandhom in kommun bejniethom u li mhix kommodament divizibbli, l-intimati ma resqux. Kopji tal-ittri relattivi huma ezebiti bhala Dok D u Dok E.

Ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Ghaldaqstant u prevja kull dikjarazzjoni opportuna, l-esponenti jitolbu bir-rispett kollu illi dina l-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara ghal kwalunkwe *buon fini* illi l-intimat Adam Sammut u martu l-intimata Maria Teresa *sive* Tessa Sammut Mugliett ma ghandhom l-ebda titolu validu ghall- okkupazzjoni esklussiva tad-dar Rosemary Edith House, Triq D Famucelli, Ibrag, limiti Swieqi liema dar tista' ghalhekk tinbiegh bil-pussess battal;

2. Tiddikjara ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi li d-dar mhix kommodament divizibbli bejn is-sitt kompropjetarji.

3. Tordna l-bejgh taghha bl-irkant taht l-awtorita` tal-Qrati bl-ammissjoni ta’ oblaturi estreneji biex ir-rikavat jinqasam skont il-kwoti rispettivi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati ngunti minn issa in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuantata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta’ Frar 2015.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-26 ta’ Frar 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Peter Caruana Galizia ghall-attrici prezenti u Dr. Marion Camilleri ghall-konvenuti Adam u Maria Teresa *sive* Tessa Sammut prezenti. IIIi rrizulta li Alison Lammin giet notifikata *tramite* l-Avukat Generali fis-7 ta' Jannar 2015 u ma dahlitx risposta u ghalhekk hija kontumaci. Gew ipprezentati zewg rikorsi da parti ta' Adam Sammut u Maria Teresa Sammut ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja taghhom. Dr Marion Camilleri *inoltre* ssottomettiet li Adam Sammut ma jifhimx bil-Malti u li allura n-notifika mhix wahda regolari billi ma giex notifikat bit-traduzzjoni bl-Ingliz tar-rikors guramentat. Xehdu bil-gurament taghhom Adam Sammut u Maria Teresa *sive* Tessa Sammut, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema elettronika. Dr. Camilleri ddikjarat li *in vista* tax-xhieda ta' Teresa Sammut mhux ser tinsisti aktar fuq ir-rikors taghha. Rifferibbilment ghal Adam Sammut, Dr Caruana Galizia rrilleva li l-lanjanza li ma jifhimx bil-lingwa Maltija mhix relevanti *stante* li r-raguni vera li ma kkontestax kienet li l-mara tieghu ma qaltlux biha. Il-kawza

giet differita ghas-sentenza fuq ir-rikors ta' Adam Sammut rigward il-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghas-17 ta' Marzu 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi bir-rikors guramentat tieghu datat it-22 ta' Jannar 2015 a fol 23 tal-process Adam Sammut espona:

Illi mart l-esponenti, u cioe' Maria Teresa *sive* Tessa Sammut Mugliett, detentrici ta' karta tal-identita' numru 271075M giet notifikata bir-rikors guramentat fl-ismijiet premessi fl-10 ta' Dicembru tas-sena 2014;

Illi mart l-esponenti, *stante* li r-rikors guramentat fl-ismijiet premessi jikkoncerna kawza rigward talba ghal qasma u bejgh tad-dar fejn prezentament jabitaw flimkien mat-tlett uliedhom naqset li tinforma lil zewgha l-esponenti bih sabiex ma tinkwetahx;

Illi *in vista* li martu ma ghaddhietlux l-atti tal-kawza surreferiti u gie a konjizzjoni ta' din il-kawza jumejn ilu, l-esponenti meta kkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu gie infurmat li z-zmien preskritt mil-ligi sabiex tigi prezentata r-risposta guramentata kien lahaq ghadda;

Illi ghal kull *buon fini*, l-esponent jirrileva illi hu ma jafx jikteb u jaqra bil-lingwa Maltija u cioe' l-lingwa li biha r-rikors guramentat gie intavolat u notifikat lil martu bih;

Illi l-esponent jissottometti wkoll illi hu ma kellu l-ebda intenzjoni li jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita` ta' din l-Onorabbli Qorti filwaqt li jiskuza tal-akkadut;

Illi ghalhekk l-esponenti jixtieq li jiggustifika l-kontumacja u sussegwentement jipprezenta risposta guramentata;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabli Qorti, *ai termini* tal-Artikolu 158 (10), joghgobha tawtorizzah jiggustifika l-kontumacja u sussegwentement jipprezenta r-risposta guramentata u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-atturi Simone Eve Collett Sammut *et* ghar-rikors ta' Adam Sammut ipprezentat fit-22 ta' Jannar 2015 datata 13 ta' Frar 2015 (fol 35) fejn esponew : -

Illi huma jopponu ghat-talba ta' Adam Sammut biex jiggustifika l-kontumacja tieghu *stante* illi r-ragunijiet minnu moghtija mhumiex *"raguni tajba"* konformi ma' dak li jrid l-Artiklu 158(10) Kap12.

Jidher fil-fatt minn dak dikjarat fir-rikors ta' Adam Sammut illi l-mara tieghu accettat in-notifika kemm taghha (ghax hija intimata wkoll) kif ukoll ta' zewgha fl-10 ta' Dicembru 2014.

Illi *ex admissis* dawna joqghodu fl-istess indirizz u jekk il-mara tieghu dehrilha li ma ghandhiex tghidlu biha "sabiex ma tinkwetahx" dina kienet

decizjoni taghha u tbati l-konsegwenzi ta’ dina d-decizjoni. Ir-rikors guramentat fih avviz fuq nett b’ tipa hoxna fejn hemm miktub car u tond x’inhuma l-konsegwenzi jekk wiehed ma jirrispondiex fit-terminu legali ta’ ghoxrin gurnata u din il-Qorti ma tistax tittollera li dawna t-termini ma jkunux osservati skrupolozament.

Illi l-esponenti jixtiequ jirrilevaw illi mhux minnu li Adam Sammut ma jifhimx bil-lingwa Maltija u jidhrilhom illi ma jistax jinqeda b’dan l-allegat nuqqas jekk qieghed jinsisti li l-mara ma ghaddhietx il-kopja tar-rikors destinat ghalih u dana ghaliex jrid jiddeciedu: jew irceviha u ma fehmiex jew ma rcevijhiex ghax il-mara zammitha.

Illi huwa prassi konstanti tal-Qrati taghha illi biex wiehed jiggustifika l-kontumacja rrid ikun hemm “raguni tajba” fis-sens ta’ **raguni serja** u mhux sempliciment raguni ghal kollox kapriccuza. Dan qieghed jinghad ukoll fid-dawl tal-mertu tal-kawza fejn l-intimati Adam u Maria Teresa Sammut ikkapparraw id-dar ta’ omm u missier il-partijiet l-ahwa Sammut, li hija komuni ghax wirt taghhom ilkoll u rrifjutaw kull tentattiv biex dina d-dar li hija l-akbar assi fil-wirt tinbiegh biex jinqasam ir-rikavat bejn kulhadd kif jidher ukoll mill-ittra Dok D mar-rikors guramentat li giet ghal kollox injorata mill-intimati.

**Konsiderazzjoni ta' Dritt Applikat ghall-mertu ta' dan ir-rikors**

Illi tibda biex tghid li ser tikkunsidra biss ir-rikors ipprezentat minn Adam Sammut ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu fit-22 ta' Jannar 2015, billi d-difensur tal-konvenuta Maria Teresa sive Tessa Sammut Mugliett iddikjarat fis-seduta tat-28 ta' Frar 2015 li mhix ser tinsisti aktar fuq ir-rikors tal-konvenuta.

Il-konvenut adduca zewg ragunijiet b'gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu, senjatament, li kienet martu li rceviet in-notifika u ma ghaddietlux l-atti tal-kawza, u fit-tieni lok, li hu ma jafx jikteb u jaqra bil-lingwa Maltija.

L-atturi oggezzjonaw ghat-talba billi l-konvenuti jghixu fl-istess residenza u martu accettat in-notifika tal-atti indirizzati lilu.

Adam Sammut xehed quddiem din il-Qorti fl-udjenza tas-26 ta' Frar 2015 bil-lingwa Ingliza. Xehed li hu jahdem bhala *electrician* u ma jifhimx sew bil-Malti. Hu kkonferma li sar jaf bil-kawza fl-ahhar ta Jannar 2015 meta martu ghaddietlu l-atti tal-kawza. Xehed li ghalkemm martu tifhem bil-lingwa Maltija, hbiet minnu li kienet giet notifikata bil-kawza. Hu spjega li huma ghaddejjin minn problemi fil-familja u li hi ma riedetx tinkwetah.

Martu, l-konvenuta, ikkorroborat dan kollu fix-xhieda taghha fejn qalet li ma urietx il-karti lill-zewgha biex ma tinkwetahx. Ikkonfermat li zewgha ma kienx id-dar meta gie il-Marixxall u li kienet warrbet il-karti li rceviet.

Illi skont l-**Artikolu 156 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta l-legislatur fisser ir-rekwiziti tar-rikors guramentat fosthom:-

*"(1) (d) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:*

*"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika,*

*cioe` minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi. Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża."*

***L-Artikolu 158 (10)*** *tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:-*

*"(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub*

*biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi."*

Id-decizjoni gwida f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet "***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo"*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:-

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*

*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;*

*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*

*(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat*

*ghall-kolpa;*

*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali."*

Kif intqal fis-sentenza **Carmelo Bugeja v Mary xebba Farrugia** (A.C. 16 ta' Frar 1996) "*F'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il 'culpa' u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghalhiex 'qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire'."*

Fil-kawza fl-ismijiet "***Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd***", deciza fit- 28 ta' Jannar 2005, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet izda li :-

*"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja*

*huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt*

*tipprevali u tissupera dik li hija r-regola*." (Ara wkoll **"Vella pro et nomine v. Vella",** Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II –170); **"Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici,"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, **"Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul** "deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.)

Din il-Qorti hija konkordi mal-gurisprudenza l-aktar kostanti fuq il-materja tal-kontumacja billi l-konvenut irid igib il-quddiem kawza gusta sabiex jissana l-kontumacja tieghu. Kawza attribwibbli ghall-volonta' jew *culpa* tieghu mhix 'kawza gusta'. Kull kaz hu differenti minhabba li l-*fattispecie* tkun differenti minn kaz ghall-iehor, izda l-parametri stabbiliti mill-gurisprudenza huma kostanti.

Fil-kaz odjern, il-konvenut mhuwiex qed igib il-quddiem bhala raguni li hu rcieva l-atti tal-kawza izda ma wegibx tempestivament, imma addirittura li lanqas biss kien jaf bin-notifika ghalhiex martu ma urietu b'xejn. Dan hu korroborat mix-xhieda tal-konvenuta u anke mir-riferta tal-marixxall li ddikjara li n-notifika lill-Adam Sammut billi halla kopji tar-rikors, digriet u

tal-Avviz f'idejn Tessa Sammut (riferti a tergo ta' fol 16 u 17 rispettivament).

Fil-kaz in ezami ma kien hemm ebda *culpa* da parti tieghu. Huwa veru li *ai termini* tal-**artikolu 187(1) tal-Kap.12** in-notifika tista' ssir validament billi l-kopja tal-iskrittura tithalla f'idejn membru tal-familja fir-residenza tal-persuna li ghandha tigi notifikata. Izda ghalkemm in-notifika tkun saret validament, jekk l-iskrittura ma tasalx ghand id-destinatarju minghajr htija tieghu, din il-persuna m'ghandhiex tigi prekluza mill-Qorti milli tiddefendi ruhha. Il-presunzjoni li l-iskrittura tkun wasslet ghand il-persuna li kellha tirceviha gjaladarba n-notifika saret regolarment mhix presunzjoni *juris et de jure* u ghandu jkun possibbli ghad-destinatarju biex jiggustifika l-kontumacja tieghu. (**Angelo Spiteri v Santino Gauci** - P.A. 24 ta' Marzu 1965).

Fil-fehma tal-Qorti x-xhieda moghtija mill-konvenut u minn martu hija kredibbli u fic-cirkostanzi tqis li l-konvenut Adam Sammut irnexxielu jgib raguni tajba bizzejjed biex jissana l-kontumacja tieghu.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi **tilqa'** t-talba tal-konvenut Adam Sammut kif dedotta fir-rikors tieghu premessa u konsegwentement tawtorizzah sabiex jikkontesta t-talbiet attrici permezz ta' risposta guramentata fi zmien ghoxrin (20) gurnata millum. Ir-rikors guramentat ghandu jigi notifikat flimkien ma' traduzzjoni fil-lingwa Inglizia *ai termini* tal-artikolu 5 tal-Att Dwar il-Proceduri Gudizzjarji (Uzu tal-Ilsien Ingliz) (Kap 189 tal-Ligijiet ta' Malta).

Tordna l-prosegwiment tal-kawza u tiddifferixxi l-istess ghall-prezentata tar-risposta guramentata ta' Adam Sammut.

**L-ispejjez jibqghu rizervati ghas-sentenza finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------